IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.9.2026
COM(2026) 492 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-disponibbiltà fis-suq ta' apparat ta' pressjoni

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-disponibbiltà fis-suq ta' apparat ta' pressjoni

INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2014/68/UE[1] tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar id-disinn, manifattura u valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni u assemblaġġi bi pressjoni massima permessa PS ogħla minn 0,5 bar. L-Artikolu 45 tad-Direttiva jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati sabiex:

- jagħmlu oġġett jew familja ta' apparat ta' pressjoni msemmija fl-Artikolu 4(3) li jkun iddisinjat u mmanifatturat f'konformità mal-prattika ta' inġinerija tajba ta' Stat Membru soġġetti għar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva kif indikat fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva;

- jagħmlu assemblaġġ jew familja ta' assemblaġġi msemmija fl-Artikolu 4(3) li jkunu iddisinjati u mmanifatturati f'konformità mal-prattika ta' inġinerija tajba ta' Stat Membru soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva kif indikat fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva;

- jikklassifikaw oġġett jew familja ta' apparat ta' pressjoni, permezz ta' deroga mir-rekwiżiti tal-Anness II tad-Direttiva, f'kategorija oħra.

BAŻI LEGALI

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 46(2) tad-Direttiva 2014/68/UE. Skont dik id-dispożizzjoni, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati ngħatat lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mill-1 ta' Ġunju 2015 u l-Kummissjoni hi meħtieġa tfassal rapport rigward id-delega ta' dik is-setgħa fl-aħħar ta' kull perjodu.

Wara r-rapport preċedenti adottat mill-Kummissjoni fl-2020, u fl-assenza ta' oppożizzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, id-delega tas-setgħa ġiet estiża b'mod taċitu għal perjodu ta' 5 snin. Għalhekk huwa meħtieġ rapport ġdid sabiex id-delega tas-setgħa tkun tista' terġa' tiġi estiża għal perjodu ulterjuri ta' 5 snin.

EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2014/68/UE, il-Kummissjoni ma użatx is-setgħa tagħha li tadotta atti delegati.

Madankollu, ir-raġunijiet li wasslu biex il-koleġiżlaturi jiddelegaw is-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati għadhom validi u l-Kummissjoni jaf fil-futur tabilħaqq ikollha bżonn tuża tali setgħa. Pereżempju, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri perjodikament jirrapportaw tħassib dwar is-sikurezza ta' xi prodotti ġodda mqiegħda fis-suq. Għaldaqstant, ir-riklassifikazzjoni ta' tali prodotti jaf tkun meħtieġa sabiex dawn ikunu soġġetti għal rekwiżiti iktar stretti. Għalhekk, il-Kummissjoni jaf tuża s-setgħa tagħha b'rabta ma' tali prodotti.

KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni temmen li d-delega tas-setgħa biex jiġu adottati l-atti delegati deskritti fl-Artikoli 45 u 46 tad-Direttiva 2014/68/UE jenħtieġ li tiġi estiża. L-Artikolu 46(2) tad-

[1] Id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 164–259).

Direttiva jipprevedi li d-delega tas-setgħa tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul ta' żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni sa mhux iktar tard minn 3 xhur qabel ma jintemm kull perjodu.